**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 18 ta' Marzu, 2021**

**Avviz Numru 14/2020**

**GES Co Limited**

**Vs**

**Godwin Sell**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-Socjeta' Attrici pprezentat fis-16 ta' Settembru, 2020, li permezz tieghu talbet lil-konvenut jghid ghaliex m' ghandux ikun ikkundannat minn din il-Qorti sabiex ihallasha:

*"Is-somma ta' sitt elef, disa' mija u zewg Euro u sitt centezmi (€6,902.06) rapprezentanti bilanc ta' Merkanzija lilek mibjugha u konsenjata mis-socjeta' rikorrenti kif jirrizulta mill-istatement hawn anness (Dok A).*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors, u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni"*

Rat li l-konvenut debitament notifikat fit-13 t' Ottubru, 2020 baqa' ma deherx quddiem din il-Qorti sabiex jikkontesta l-kawza u lanqas ma prezentat ebda risposta.

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Jannar, 2021 il-konvenut imsejjah diversi drabi ma deherx u ghalhekk il-Qorti awtorizzat lis-socjeta' attrici, fuq talba taghha stess, sabiex tipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut, liema Kapitolu gie pprezentat seduta stante u gie approvat mill-Qorti.

Rat illi fil-kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, is-socjeta' attrici talbet lil konvenut jikkonferma li ghandu jhallas l-ammont pretiz flimkien mal-ispejjez tal-kawza u l-imghaxxijiet legali.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-subizzjoni tal-konvenut ghallum stess.

Rat illi fis-seduta tallum il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu sabiex iwiegeb ghad-domanda tas-socjeta' attrici.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tirrileva illi l-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament previsti u determinati mill-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta [ara Artikoli 698(2) u 702(3)]. Minn tali disposizzjonijiet huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f' min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghall-kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li pprezentatu. Il-Qorti taghmel referenza ghad-

decizjoni fl-ismijiet **Anthony Borg v. Samwel Veneziani**[1] illi *"din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijiet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut."*

Madanakollu, ghalkemm huwa veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-omissjoni tieghu li jikkontesta l-kawza formalment, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni, dana ma jfissirx li min hu tenut jiggudika huwa obbligat joqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u evalwata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b' mod illi, jekk il-kapitoli ma jkunux kombacanti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-gudikant jidhirlu li ghandu jaghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, l-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra. F'dan is-sens ara d-decizjoni fl-ismijiet **Tabib Dr. Antonio Zammit et v. Francesco Pace et**[2]. In tema, kemm id-duttrina legali kif ukoll il-gurisprudenza, issoktaw jaffermaw, u jikkawtelaw ukoll, illi tali prova wehida mhux necessarjament u bilfors ghandha tiddemostra l-fondatezza tal-pretensjoni tal-parti attrici in kwantu dak l-istat migjub in essere bil-kapitolu ma ghandux ifisser li qed jintroduci derogi ghall-principju tal-piz tal-provi.

Wara li l-Qorti hadet konjizzjoni ta' dan kollu, jirrizulta li t-talba tas-socjea' attrici hija wahda fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal minnha m' ghandiex mis-sewwa.

**DECIDE**

[1] Appell Inferjuri, 28 t' April 1998
[2] Prim' Awla, 28 ta' Gunju, 1952

Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda taqta u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement tikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, disa' mija u zewg Euro u sitt centezmi (€6,902.06) bl-imghaxxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz jithallsu mill-konvenut.

______________________

**Dr. Audrey Demicoli**

**Magistrat**

________________________

Graziella Abela

Deputat Registratur